IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2018
COM(2018) 815 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Finali

f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment

1. INTRODUZZJONI

Ir-rapport finali skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE jivvaluta[1] kif iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) laħaq l-għan li jsaħħaħ l-appoġġ tal-FEI għal azzjonijiet li jikkumplimentaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri favur l-intrapriżi, partikolarment dawk ta' daqs zgħir u medju (SMEs). Dan isegwi r-rapport interim tad-19 ta' Diċembru 2016[2], li sab li ż-żieda fil-kapital, li f'dak l-istadju ma kinitx għadha ġiet iffinalizzata, kien diġà wasslet għal żieda fil-finanzjament li kien disponibbli għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps).

1.1 Il-FEI

a) L-istruttura u ż-żidiet fil-kapital

Il-FEI ġie stabbilit fl-1994[3] mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), mill-Komunità Ewropea, illum l-Unjoni Ewropea (UE), rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni), u minn diversi istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati b'kapital awtorizzat ta' ECU 2 biljun (l-EUR tal-lum) imħallsa bir-rata ta' 20 %. Fl-2007 l-kapital awtorizzat żdied għal EUR 3 biljuni. Il-Kummissjoni użat id-dividendi tal-FEI li ġew irċevuti bejn l-2007 u l-2010 għal pagamenti u kopriet il-bqija mill-baġit tal-UE, li ppermetta lill-UE li żżomm il-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha fil-livell ta' 30 %.

Żieda oħra fil-kapital li ġiet approvata fil-Laqgħa Ġenerali tal-azzjonisti tal-FEI fis-27 ta' Mejju 2014 fissret li l-kapital awtorizzat tal-FEI żdied għal EUR 4,5 biljuni. Il-proposta tal-Kummissjoni li d-dividendi tal-UE jintużaw għas-sottoskrizzjoni ta' ishma ġodda ma nżammitx, iżda twarrbu EUR 178 miljun fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2017 għas-sottoskrizzjoni ta' massimu ta' 450 sehem ġdid. Minħabba ż-żieda fil-valur tal-ishma, dan l-ammont serva biss għas-sottoskrizzjoni ta' 437 sehem addizzjonali għall-UE[4], li rriżulta f'dilwizzjoni żgħira tas-sehem tagħha fil-FEI. Bħalissa, il-BEI għandha 2 642 (58.7 %), l-UE 1 337 (29.7 %), u t-32 istituzzjoni finanzjarja total ta' 521 (11.6 %) tal-ishma tal-FEI.

L-għanijiet ewlenin taż-żieda fil-kapital tal-2014 kienu:

(1) L-iżvilupp tas-swieq tal-kapital tas-self għall-SMEs bil-għan li jiġi diversifikat is-sors ta' likwidità għal banek tal-SMEs u kumpaniji tal-lokazzjoni;
(2) It-titjib tal-aċċess għal finanzjament tal-SMEs billi tingħata tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew biex tiżdied il-kapaċità unika tat-titjib tal-kreditu tal-FEI;

---

[1] Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

[2] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Rapport Interim dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment u ż-żieda pertinenti tal-appoġġ tal-Fond Ewropew tal-Investiment ta' azzjonijiet favur l-impriżi, partikolarment impriżi żgħar u ta' daqs medju skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment, COM/2016/0795 final.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

[4] L-437 sehem ġdid inxtraw għal ammont ta' EUR 177 895 462,23 (prezz medju ta' EUR 408,199.52 kull sehem).

(3) L-appoġġ tat-tkabbir tal-FEI bħala investituri ewlieni fis-suq tal-kapital ta' riskju u għat-tkabbir;
(4) It-tisħiħ tar-rwol tal-FEI fil-mikrofinanzjament u l-investiment b'impatt soċjali, li jippermetti parteċipazzjonijiet ta' ekwità importanti ħafna f'intrapriżi soċjali u istituzzjonijiet finanzjarji ġodda;
(5) Il-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tar-riskji fil-mandati tal-FEI permezz tal-koinvestiment;
(6) L-appoġġ tal-klassifikazzjoni AAA tal-FEI bl-injezzjoni ta' kapital ġdid u billi tintwera ż-żieda fl-importanza politika tal-Fond.

b) Attivitajiet operazzjonali

Il-FEI huwa l-fergħa tal-kapital ta' riskju tal-Grupp tal-BEI, jappoġġa l-finanzjament tal-SMEs tal-Ewropa. Huwa jfassal, jiżviluppa u juża strumenti ta' kapital ta' riskju u ta' tkabbir, garanziji u strumenti mikrofinanzjarji mmirati lejn l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, filwaqt li jipprova jinċentiva aktar investimenti fl-Ewropa u jżid l-effett ta' lieva tar-riżorsi baġitarji tal-UE u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Biex jagħmel dan, il-Fond jiddependi fuq strumenti finanzjarji bbażati fis-suq (titolizzazzjoni, fondi tad-dejn diversifikati, eċċ.). Huwa jrawwem l-għanijiet tal-UE li jingħata appoġġ għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-żvilupp, l-intraprenditorija, it-tkabbir u l-impjiegk u l-finanzjament inklużiv billi jindirizza dawk il-prodotti finanzjarji lil intermedjarji finanzjarji.

Il-FEI huwa attiv fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, u fil-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Bħalissa l-Fond jimmaniġġja aktar 122 mandat prinċipalment f'isem il-Kummissjoni u l-BEI. Dawn jinkludu investimenti ta' ekwità, garanziji jew, sa ċertu punt, strumenti ffinanzjati. Il-FEI jimmaniġġja wkoll mandati mill-Istati Membri u l-awtoritajiet li jimmaniġġjaw riżorsi taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), fondi ta' fondi, korporazzjonijiet u investimenti privati u pubbliċi, u jikkoinvesti r-riżorsi proprji f'attivitajiet kummerċjali ta' ekwità u dejn.

c) Rekwiżiti kapitali u l-livell mistenni ta' affidabbiltà kreditizja

Il-linji ta' negozju tal-FEI jinvolvu riskji differenti, riflessi b'ċertu livell ta' allokazzjoni ta' kapital ekonomiku li jeħtieġ li jitqiegħed apparti. Il-limitu massimu għall-impenji minn riżorsi proprji taħt l-operazzjonijiet ta' garanzija huwa tliet darbiet daqs l-ammont ta' kapital sottoskritt. Fit-8 ta' Marzu 2017, f'konformità mad-delega mogħtija mil-Laqgħa Ġenerali, il-Bord tad-Diretturi tal-FEI żied il-limitu massimu għall-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' ekwità mir-riżorsi proprji tal-FEI minn 50 % għal 70 % tal-fondi proprji. Il-ġestjoni tal-kapital u tar-riskju tal-FEI għenet iżżomm il-klassifikazzjoni ta' kreditu AAA stabbli, kif reġa' ġie kkonfermat dan l-aħħar minn aġenziji ewlenin ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, li enfasizzaw notevolment iż-żieda ta' kapital tal-2014. Il-firxa tal-prodotti tal-FEI u l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u settorjali tagħhom jservu ta' bażi għall-esponiment għar-riskju moderat u sostenibbli.

2. KISBIET TAL-FEI BEJN L-2014 U L-2018 MIRFUDA MIŻ-ŻIEDA FIL-KAPITAL

2.1 Ħarsa ġenerali lejn it-Tieni Trimestru tal-2018[5]

Sat-30 ta' Ġunju 2018, il-FEI żied il-volum ta' attività tiegħu b'medja ta' 30 % kull sena[6] meta mqabbel mal-2013. Il-FEI daħal f'1,120 tranżazzjoni b'volum ta' investiment li EUR 44 biljun. 771 tranżazzjoni minnhom kienu jiddependu fuq il-bażi kapitali tal-FEI. Dawn involvew EUR 12,1 biljun tar-riżorsi proprji tal-FEI, li minnhom aktar minn EUR 10 biljun ġew investiti flimkien ma' riżorsi tal-mandat immaniġġjati mill-FEI. L-attività tal-FEI mistennija tilleva EUR 154 biljun ta' finanzjament fil-livell tal-SMEs u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja.

Il-kapitalizzazzjoni qawwija li tirriżulta kienet fattur determinanti għas-suċċess tal-użu tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) mill-FEI u tirfed iż-żieda tal-FEIS (FEIS 2.0) li ġiet deċiża fl-2017. Il-FEI uża r-riżorsi proprji tiegħu u mmobilizza EUR 500 miljun sabiex imexxi 'l quddiem l-użu tal-FEIS qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-FEIS 2.0. B'konformità mal-FEIS 2.0, il-garanzija tal-FEIS żdiedet għal total ta' EUR 26 biljun (u l-investiment mobilizzat mistenni minn EUR 315 biljun għal EUR 500 biljun) filwaqt li l-perjodu ta' investiment ġie estiż sal-2020. Għaldaqstant bejn l-2018 u l-2020 il-FEI se jkollha bżonn timmobilizza ammont sinifikanti ta' riżorsi proprji flimkien mal-FEIS.

2.2 Ekwità (Kapital ta' Riskju u ta' Tkabbir)

Il-kapaċità ta' teħid ta' riskju addizzjonali li tirriżulta miż-żieda fil-kapital ippermettiet lill-FEI jespandi l-involviment tal-investimenti ta' ekwità tiegħu, kemm f'termini ta' volumi investiti, kif ukoll ta' veloċità tal-użu. Matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2018, l-attività ta' ekwità tal-FEI illevat aktar minn EUR 64 biljun ta' finanzjament fil-livell ta' benefiċjarji finali.

a) Operazzjonijiet ġodda tal-FEIS/RCR mirfuda minn żieda tal-kapital

Ir-Riżorsi tal-Kapital ta' Riskju (RCR) tal-BEI ppermettew lill-FEI jsegwi strateġija fis-segmenti tal-kapital ta' riskju u ta' tkabbir għal aktar minn tmintax-il sena u ppermettew żieda fl-investimenti permezz ta' finanzjament ibridu ta' dejn-ekwità. Il-FEI jikkoinvesti r-riżorsi proprji tiegħu flimkien mar-riżorsi tal-mandat. F'Lulju 2015, il-BEI żied l-RCR b'EUR 2,5 biljun (u b'hekk laħaq id-EUR 9,5 biljun) taħt it-tieqa għall-SMEs tal-FEIS għal ekwità privata u investimenti ta' trasferiment ta' teknoloġija fl-SMEs u l-kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja. Fi tmiem l-2015, l-impenji speċifiċi tal-FEIS ammontaw għal EUR 1,4 biljun f'45 fond. Il-finanzjament li rriżulta laħaq il-EUR 8,1 biljuni u mistenni jirriżulta f'EUR 14,6-il biljun ta' investiment mobilizzat fil-livell ta' benefiċjarji finali (proporzjon ta' lieva ta' kważi 1:11).

Il-Faċilità ta' Koinvestiment Mezzanin (MCIF) fi ħdan il-mandat tal-RCR hija faċilità ibrida ta' dejn-ekwità ta' EUR 101 miljun. Din ippermettiet lill-FEI jikkoinvesti f'kumpaniji fil-mira flimkien ma' fondi mezzanin. Sa Ġunju 2018, l-impenji taħt l-MCIF kienu jammontaw għal EUR 98 miljun (li minnhom EUR 5 miljuni mir-riżorsi proprji tal-FEI), u ppromwovew użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' koinvestiment u l-indirizzar ta' lakuni identifikati fil-ġbir ta' fondi.

[5] L-aħħar *data* disponibbli rrappurtata mill-FEI.
[6] Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Komposta ("CAGR" - Compounded Annual Growth Rate) bbażata fuq il-volum fi tmiem l-2017.

Fil-perjodu bejn Jannar 2014 u Ġunju 2018, il-FEI ikkommetta EUR 9,9 biljuni f'fondi sottostanti taħt l-RCR, fosthom EUR 437 miljun mir-riżorsi proprji.

b) Prodott ta' Ekwità SMEW tal-FEIS

F'Lulju 2016 il-FEI, il-BEI u l-Kummissjoni nedew il-Prodott ta' Ekwità SMEW tal-FEIS, li l-kapaċità ta' investiment kumplessiva tiegħu ta' EUR 2 071 miljun għandha fil-mira tagħha investimenti ta' ekwità f'firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet ta' finanzjament u modalitajiet tal-għoti (koinvestimenti, trasferiment tat-teknoloġija, fondi ta' fondi, impatt soċjali, eċċ.). Din għandha żewġ sottotwieqi, is-sottotieqa tat-tkabbir/espansjoni u s-sottotieqa tal-investimenti fi stadju bikri. Il-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jqabblu l-baġit totali tal-investiment skont il-Prodott ta' Ekwità SMEW tal-FEIS permezz ta' pjattaforma kollaborattiva. Fil-perjodu bejn Lulju 2016 u Ġunju 2018, il-FEI ikkomettiet EUR 1 biljun taħt il-Prodott ta' Ekwità SMEW tal-FEIS, inklużi EUR 177 miljun mir-riżorsi proprji.

c) Mutwalizzazzjoni tar-riskji tal-FEI taħt il-mandati tal-UE - l-istrument finanzarju uniku tal-ekwità tal-UE

Fl-Istrument Finanzarju Uniku tal-Ekwità tal-UE, ir-riżorsi baġitarji tal-UE jintużaw flimkien mar-riżorsi proprji tal-FEI. Dan jinkludi l-Faċilità tal-Ekwità tat-Tkabbir COSME (COSME EFG) u l-istrument ta' Kapital tar-Riskju tal-InnovFin għall-SMEs ("InnovFin Equity" - il-Faċilità ta' Ekwità ta' InnovFin) tal-Orizzont 2020, b'dan tal-aħħar ikopri wkoll inizjattiva pilota għal investituri informali.

Taħt il-COSME EFG il-FEI jinvesti f'fondi li jipprovdu ekwità u finanzjament mezzanin għall-espansjoni u l-istadju tat-tkabbir ta' SMEs b'potenzjali qawwi ta' tkabbir, partikolarment dawk li joperaw fuq bażi transfruntiera. Sa Ġunju 2018 ġew iffirmati 13-il investiment taħt il-faċilità tal-EFG li rriżultaw f'EUR 160 miljun f'impenji aggregati, li minnhom EUR 8 miljuni oriġinaw minn fondi proprji tal-FEI.

Permezz tal-Ekwità InnovFin, il-FEI jimmira investimenti fi trasferiment tat-teknoloġija, investituri informali, fondi ta' kapital tar-riskju u fondi ta' fondi li jipprovdu ekwità għall-istadju bikri tal-kumpaniji fil-fażijiet ta' preavvjament, ta' avvjament u negozji ġodda li jaf ikunu għadhom ma ġġenerawx dħul. Dan jilleva kważi EUR 3 biljuni għal intrapriżi fi Stati Membri u pajjiżi assoċjati mal-programm Orizzont 2020.

Taħt il-FEIS inħoloq prodott finanzjarju strutturat għal investimenti fi stadju bikri (sottotieqa 2). Dan il-prodott ilaqqa' EUR 458 miljun tal-faċilità ta' Ekwità InnovFin ma' impenn ta' EUR 270 miljun li jibbenefika mill-Garanzija FEIS tal-UE u impenn ta' EUR 290 miljun taħt ir-riżorsi proprji tal-FEI (l-aggregazzjoni ta' dawn ir-riżorsi kollha hija magħrufa bħala l-Faċilità IFE għall-Istadju Bikri). Sa Ġunju 2018, il-FEI impenjat ammont totali ta' EUR 539 miljun għal 29 fond ta' ekwità, fosthom EUR 153 miljun mir-riżorsi proprji tal-FEI.

d) Mutwalizzazzjoni tar-riskji tal-FEI taħt tlaqqigħ ta' mandati tal-UE u l-Prodott ta' Ekwità tal-FEIS

Fl-2016 il-FEI nieda l-Fond(i) ta' Fondi Pan-Ewropew tal-Kapital tar-Riskju (VC FoF) għal investiment f'fond ta' fondi Pan-Ewropej tal-kapital tar-riskju mmexxi mis-settur privat, permezz tal-użu tar-riżorsi proprji mal-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir taħt il-COSME, is-

sottotwieqi 1 u 2 tal-Prodott tal-Ekwità SMEW tal-FEIS, magħrufa wkoll bħala l-Faċilità IFE għall-Istadju Bikri (it-tlaqqigħ tal-faċilità ta' Ekwità InnovFin tal-Orizzont 2020, l-Istrument ta' Ekwità tal-FEIS u riżorsi proprji tal-FEI). Fil-mira tal-FEI hemm investimenti f'VC FoF eliġibbli għall-ammont aggregat ta' EUR 410 miljun, li minnhom EUR 67.5 miljun huma riżorsi proprji tal-FEI. Minn Ottubru 2018 ġew iffirmati 2 ftehimiet ma' maniġers tal-VC FoF u għaddejjin negozjati ma' 4 oħra.

e) Żvilupp ta' investimenti b'impatt soċjali: Aċċelleratur tal-Impatt Soċjali (SIA)

L-SIA hija inizjattiva tal-FEI mnedija fl-2013 bħala parti mill-istrateġija ta' investiment b'impatt tal-Grupp tal-BEI, li twieġeb għall-politika tal-UE dwar il-ħolqien ta' suq ta' finanzjament sostenibbli għall-intraprenditorija soċjali fl-Ewropa. L-SIA huwa fond ta' fondi li jipprova joħloq portafoll ta' investiment ta' ekwità f'fondi b'impatt soċjali. Dan jippromwovi l-inklużjoni soċjali, jipprovdi għejun alternattivi ta' impjiegi għal gruppi soċjali emarġinati, jikkontribwixxi għat-tkabbir u jiżgura d-disponibbiltà ta' firxa wiesa' ta' għażliet ta' finanzjament, fosthom strumenti ta' dejn u strumenti ibridi ta' dejn/ekwità.

L-SIA jibbenefika minn finanzjament ta' EUR 180 miljun taħt l-Istrument Finanzjarju ta' Impatt Soċjali EREM, li huwa mandat tal-BEI. Fl-għeluq aħħari tal-SIA f'Lulju 2015, l-impenji totali tiegħu laħqu l-EUR 243 miljun, permezz ta' investimenti addizzjonali mill-RCR (EUR 48 miljun), ir-riżorsi proprji tal-FEI (EUR 11,5-il miljun) u erba' investituri oħra (EUR 1 miljun kull wieħed): il-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp, il-Fond għall-Innovazzjoni Finlandiż Sitra, il-Crédit Coopératif u l-Fond I ta' Investiment ta' Impatt DB (Deutsche Bank).

f) Involviment reġjonali

L-FEI żied l-involviment reġjonali b'rabta mal-ekwità. Bħalissa hija timmaniġġja 42 fondi ta' fondi reġjonali b'impenji aggregati li jlaħħqu s-EUR 6.3 biljuni. Fl-2016, il-FEI u s-sħab reġjonali tiegħu ħalqu żewġ fondi ta' fondi li partikolarment kellhom fil-mira tagħhom l-Estonja (EUR 60 miljun) u l-Iżvezja (SEK 582 miljun - madwar EUR 60.5 miljun) li jlaqqgħu riżorsi tal-FEIS u tal-SMEW tal-FSEI. Matul l-2016, il-FEI u s-sħab reġjonali tiegħu ħolqu fond ta' fond fil-Greċja (EUR 260 miljun) b'riżorsi tal-RCR u tal-FEIS (li mistenni jillieva EUR 326 miljun), kif ukoll fondi ta' fondi oħrajn fin-Netherlands (EUR 200 miljun), fil-Ġermanja (EUR 400 miljun) u fit-Turkija (EUR 200 miljun). Fl-2017, il-FEI u s-sħab reġjonali tiegħu ħalqu tmien fondi ta' fondi, li partikolarment kellhom fil-mira tagħhom lir-Rumanija (EUR 84 miljun), lir-Repubblika Ċeka (EUR 50 miljun), lill-Italja (EUR 41 miljun), lill-Finlandja (EUR 30 miljun) u l-Ewropa Ċentrali (EUR 106 miljun).

Il-FEI beda għadd ta' programmi ta' koninvestiment, bħall-Programm ta' Koinvestiment Skoċċiż-Ewropew għat-Tkabbir fejn il-FEI u Scottish Enterprise ikkontribwixxew allokazzjoni finanzjarja ta' GBP 50 miljun kull wieħed, jew il-Programm ta' Koninvestiment Olandiż għat-Tkabbir fejn il-FEI u l-Aġenzija tal-Investiment tan-Netherlands ikkontribwixxew allokazzjoni finanzjarja ta' EUR 50 miljun.

Il-FEI espanda l-attivitajiet tiegħu ukoll taħt l-inizjattiva tal-Fond Ewropew għall-Investituri Informali li ġiet imnedija fl-2012. Taħt l-EAF, il-FEI jikkoinvesti ma' investituri informali u investituri mhux istituzzjonali oħrajn f'kumpaniji innovattivi fil-fażi ta' avvjament, fi stadju bikri jew li jkunu qegħdin jikbru. Issa l-EAF ikopri l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja, id-Danimarka u l-Finlandja. Fi tmiem Ġunju 2018, l-inizjattiva EAF

kellha volum ta' EUR 392 miljun, li minnhom tal-anqas EUR 38 miljun se jiġu impenjati mir-riżorsi proprji tal-FEI.

g) AMUF

Fl-2017 il-FEI nieda Fond Umbrella għall-Immaniġġjar ta' Assi (AMUF) li bħalissa tikkonsisti fi tliet sezzjonijiet: Kapital Ewropew ta' Tkabbir, Kapital tar-Riskju Ewropew għat-Teknoloġija u l-Kapital tar-Riskju Ewropew għax-Xjenzi tal-Ħajja.

L-AMUF iżid l-ammont ta' kapital tar-riskju li huwa disponibbli għal attivita' ta' investiment fl-Ewropa, jinkludi investituri istituzzjonali ġodda għall-ekwità privata Ewropea u s-swieq tal-kapital ta' riskju. Il-FEI impenja ruħu li jinvesti madwar 2,5 % tal-kapital totali impenjat mill-investituri l-oħra. Fi tmiem Ġunju 2018, tliet investituri impenjaw total ta' EUR 345 miljun. Il-perjodu ta' sottoskrizzjonijiet għall-ġbir ta' fondi jiskadi fl-2019 u l-għan tiegħu huwa li jiġbor massimu ta' EUR 2 biljuni, li minnhom il-FEI mistenni jimpenja sa EUR 50 miljun mir-riżorsi proprji.

2.3. Dejn (Garanziji, Titolizzazzjoni u Mikrofinanzi)

Flimkien mal-mandati l-ġodda li ntużaw bejn l-2014 u l-2018 u li kienu jiddependu biss fuq riżorsi tal-mandat, tnedew ukoll għadd importanti ta' mandati ffukati fuq id-dejn flimkien ma' koinvestimenti u/jew mutwalizzazzjoni tar-riskji. Barra minn hekk, il-FEI qawwiet l-attività b'riskju proprju f'operazzjonijiet ta' titjib tal-kreditu. Il-volum illevat ta' self lil SMEs mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji b'parteċipazzjoni fi prodotti ta' dejn tal-FEI matul l-2014 u l-2018 huwa stmat li jilħaq il-EUR 85 biljun.

a) Mandat ta' tisħiħ tar-riskju tal-BEI (EREM)

L-EREM ġie ffirmat bejn il-BEI u l-FEI f'Marzu tal-2014 biex jappoġġa l-finanzjament dgħajjef tan-negozji Ewropej permezz ta' garanziji addizzjonali, dejn u strumenti ta' ekwità. Ġie allokat totali sa EUR 6 biljuni, li EUR 4 biljuni minnhom ġejjin mill-BEI u sa EUR 2 biljuni ġejjin mill-FEI. Il-perjodu ta' investiment tal-EREM se jagħlaq fi tmiem l-2018. Il-prodotti/twieqi tal-EREM saħħew attivitajiet eżistenti jew saħħew għodod ta' finanzjament alternattiv bħala tweġiba għal-ħtiġijiet il-ġodda tas-suq:

- **It-Tisħiħ tal-Kreditu tal-ABS (EREM ABS CE)** żied il-kapaċità f'segmenti mezzana ta' titolizzazzjoni appoġġata b'assi, li ħeles riżorsi għal oriġinaturi li jsellfu lil SMEs u lil kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja. L-attività tiegħu iffirmat aktar minn EUR 855 miljun, li minnhom EUR 291 miljun f'riżorsi proprji tal-FEI. Il-volum illevat ta' self addizzjonali lil SMEs li sar mill-oriġinaturi huwa stmat li jlaħħaq il-EUR 5 biljuni;

- **Il-Banek Kooperattivi u l-Istituzzjonijiet Iżgħar tal-EREM** wessa' l-firxa ta' intermedjarji tal-Grupp tal-BEI, b'mod partikolari banek kooperattivi żgħar u istituzzjonijiet iżgħar iffokati partikolarment fuq SMEs iżgħar u negozji ġodda. Min-naħa tagħhom l-oriġinaturi kienu mistennija jużaw ir-riżorsi li saru disponibbli għal self lil SMEs. Il-FEI ikkonkluda 16-il tranżazzjoni ta' self li ammontaw għal EUR 153 miljun, li minnhom EUR 7,7 miljuni ġew mir-riżorsi proprji tal-FEI;

- **Il-Fondi ta' Self tal-EREM** – segment ġdid li l-FEI uża biex iwessa' d-disponibbiltà tal-finanzjament ta' self għall-SMEs u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja lil hinn mill-

kanali tradizzjonali tal-banek. Ġew iffirmati kważi EUR 57 miljun mir-riżorsi proprji tal-FEI f'26 tranżazzjoni, għal volum investit aggregat ta' EUR 1 135 miljun.

• L-Inizjattiva EREM-SME tirrikjedi lill-FEI jipparteċipa bir-riżorsi proprji flimkien mal-finanzjament li tqiegħed għad-dispożizzjoni mill-BEI. Ġew mobilizzati sa EUR 159 miljun mir-riżorsi proprji tal-FEI fl-ambitu ta' 67 tranżazzjoni, għal volum investit aggregat ta' EUR 4,3 biljun.

b) Kontribuzzjoni kapitali tal-FEI lill-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs (SMEG)

Mill-2014, il-FEI offra garanziji jew garanziji mingħajr limitu jew kontrogaranziji lil intermedjarji finanzjarji li ppermettewlhom jipprovdu finanzjament b'dejn b'termini favorevoli għal SMEs innovattivi u kumpanija żgħar b'kapitalizzazzjoni medja żgħar fi Stati Membri u Pajjiżi Assoċjati.

Bejn l-2014 u Ġunju 2018 ġew iffirmati EUR 1,8 biljun mill-baġit tal-UE u EUR 7,2 biljun minn esponiment tal-FEI, u b'hekk madwar EUR 18-il biljun f'finanzjament b'dejn tpoġġew għad-dispożizzjoni ta' kumpaniji innovattivi filwaqt li ġew mobilizzati madwar EUR 26 biljun f'investimenti. Il-FEI ikkonkluda 177 tranżazzjoni ta' garanzija, li ammontaw għal EUR 9 biljuni, u l-FEIS appoġġat 139 tranżazzjonijiet b'firem totali ta' EUR 7,6 biljuni. Fil-kuntest tal-EFSI 2.0 u t-tieqa għall-SMEs tal-FEIS, huwa previst ammont supplementari ta' EUR 220 miljun mill-faċilità InnovFin tal-SMEG. Sa EUR 1,760 miljun f'fondi tal-FEI ser jitlaqqgħu mal-EFSI 2.0 u ma' kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE sabiex jiġi kopert volum totali ta' garanzija li jlaħħaq il-EUR 2,200 miljun fuq il-perjodu bejn l-2017 u l-2022.

c) Appoġġ tal-FEI għall-inizjattiva tal-SMEs

L-Inizjattiva tal-SMEs tal-Kummissjoni u tal-Grupp tal-BEI tistimula l-finanzjament tal-SMEs billi tipprovdi kopertura parzjali tar-riskju għall-portafolli tas-self lill-SMEs tal-istituzzjonijiet finanzjarji oriġinaturi. Il-FSIE jipprovdi l-parti ewlenija tal-fondi tal-UE li jinkludu kontribuzzjoni minn strumenti fil-livell tal-UE (COSME u/jew Orizzont 2020), b'kofinanzjament mir-riżorsi proprji tal-BEI u l-FEI. Il-FEI joffri strument ta' garanzija tal-portafoll mingħajr limitu jew strument ta' titolizzazzjoni għal intermedjarji finanzjarji magħżula. Din il-protezzjoni tat-telf u t-tħaffif potenzjali tar-rekwiżit għall-kapital jippermettu lill-intermedjarji finanzarji jipprovdu self, kiri u/jew garanziji lil SMEs b'termini favorevoli. L-inizjattiva SME tkopri lil Spanja, lill-Bulgarija, lill-Finlandja, lil Malta, lill-Italja u lir-Rumanija. Madwar EUR 1,2 biljun f'riżorsi tal-FSIE ġew fdati lill-FEI, flimkien mal-impenn mistenni sa ammont massimu ta' EUR 4,1 biljun mill-BEI u EUR 215 miljun mir-riżorsi proprji tal-FEI.

d) Appoġġ tal-FEI lill-Pjattaforma Agri Italy

Il-Pjattaforma AGRI Italy li ġiet stabbilita mill-FEI f'kooperazzjoni mar-reġjuni Taljani ta' Calabria, Campania, Emilia Romagna, Piemonte, Puglia, Veneto, Umbria u Toscana hija ġenerazzjoni ġdida ta' strument finanzjarju multireġjonali ta' dejn bil-għan li jipprovdi aċċess aħjar għall-finanzi għall-benefiċjarji aħħarija fis-setturi agrikolu u agro-industrijali. Il-FEI jipparteċipa bir-riżorsi proprji flimkien mal-finanzjament li jingħata mir-reġjuni Taljani. Bħalissa il-Pjattaforma Agri Italy ġiet allokata ammont totali sa EUR 64 miljun mill-FEI.

e) Żieda fl-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tal-SMEs fuq ir-riżorsi proprji tal-FEI

Permezz tat-titolizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet, il-FEI jipprovdi tisħiħ tal-kreditu li jippermetti lill-oriġinaturi jiddiversifikaw l-għejun ta' finanzjament tagħhom u ljiksbu tħaffif ekonomiku u regolatorju permezz ta' trasferiment tar-riskju tal-kreditu, li jippermettilhom isellfu aktar lill-SMEs. Mill-2014, l-isforzi tal-FEI biex iħeġġu t-titolizzazzjoni ta' kwalità tal-SMEs rriżultaw fi EUR 15-il biljun f'garanziji sottoskritti. Il-kopertura ġeografika kibret għal 11-il pajjiż. Il-volum illevat għal self addizzjonali lill-SMEs li jsir mill-oriġinaturi huwa stmat li jlaħħaq it-EUR 28 biljun. B'kollox, l-attività ta' titolizzazzjoni tal-SMEs immobilizzat aktar minn EUR 3 biljuni f'riżorsi proprji tal-FEI fl-istess perjodu.

L-EREM ABS CE tal-FEI appoġġa wkoll segmenti mezzana ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni ta' SME/kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi kemm tranżazzjonijiet sintetiċi u tranżazzjonijiet ta' bejgħ veru. Il-FEI uża EUR 391 miljun mir-riżorsi proprji biex jixtri segmenti superjuri taħt prodott ta' investimenti diretti f'titolizzazzjonijiet garantiti b'assi ta' SME u fi tranżazzjonijiet ta' bonds koperti.

3. L-ATTIVITÀ EWLENIJA PROSPETTIVA TAL-FEI

3.1 Attivitajiet addizzjonali fil-futur

Il-FEI kontinwamwnt tipprova tkopri lakuni ġodda li jiġu identifikati fis-suq fil-finanzjament ta' SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja Ewropej.

a) Attivitajiet addizzjonali ta' ekwità

i) Żieda fil-prodott ta' ekwità SMEW tal-FEIS

Meta jitqies is-suċċess fl-użu tal-prodott ta' ekwità SMEW tal-FEIS, qiegħda tiġi prevista żieda ta' EUR 1,37 biljun fil-prodott ta' ekwità SMEW tal-FEIS, inkluż EUR 1 biljun għas-sottotieqa 1 u EUR 0,37 biljun għall-Faċilità IFE għall-Istadju Bikri, filwaqt li l-FEI se tinvesti sa EUR 155 mill-fondi proprji f'dan il-prodott.

ii) Żieda fl-RCR taħt l-SMEW tal-FEIS

Minbarra ż-żieda fil-prodott ta' ekwità SMEW tal-FEIS, l-RCR se jibbenefika minn żieda ta' EUR 1 579 miljun għall-espansjoni tal-SMEW tal-FEIS, li EUR 79 miljun minnhom ġejjin mir-riżorsi proprji tal-FEI.

b) Attivitajiet addizzjonali ta' dejn

Strumenti ffinanzjati għall-mikrofinanzi (EaSI)

Fil-kuntest tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI qegħdin jippjanaw li jissuplementaw il-mandat ta' garanzija b'faċilità li toffri self superjuri u subordinat lil istituzzjonijiet ta' intraprenditorija mikrofinanzjarja u soċjali li min-naħa tagħha ser testendi l-finanzjmanet lil mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali, Ir-riżorsi proprji tal-FEI, b'ammont li jista' jlaħħaq il-EUR 28,5 miljun, se jiġu mobilizzati flimkien mar-riżorsi tal-BEI u tal-EaSI għal volum aggregat mistenni ta' EUR 200 miljun.

3.2 Impatt fuq il-konsum kapitali tal-FEI

a) Konsum kapitali

i) Ekwità

L-impenji tar-riżorsi proprji tal-FEI fil-qasam tal-parteċipazzjonijiet ta' ekwità huma limitati. Minn Ġunju 2018; hemm ammont disponibbli ta' EUR 1,4 biljun. L-impenji netti kumplessivi ta' ekwità privata ta' EUR 1,1 biljun użaw 78% tal-ammont massimu.

ii) Garanziji

Minn tmiem Settembru 2013, l-esponiment tal-FEI li jiġi mill-operazzjonijiet tiegħu ta' garanzija tar-riskju kien ta' EUR 2,9 biljun, li jirriżulta f'marġini ta' EUR 6,1 biljun għal tranżazzjonijiet bħal dawn. Iż-żieda sinifikanti fil-volum ta' operazzjonijiet ta' garanzija bejn l-2014 u tmiem Ġunju 2018 aktar minn irdoppjat l-esponiment tal-FEI għal EUR 8 biljuni, fejn il-limitu massimu kien EUR 13,5 biljun.

b) Ottimizzazzjoni tal-użu tal-kapital

Iż-żieda akbar milli mistennija fil-volumi tan-negozju kienet possibbli permezz ta' allokazzjoni ogħla ta' kapital tal-FEI. Il-FEI qed jimmaniġġja l-kapital tiegħu attivament biex jakkomoda t-tkabbir mistenni sal-2020. Iddaħħlu miżuri differenti biex jitnaqqas il-konsum

tal-kapital tal-FEI, fosthom ġestjoni tal-portfall aktar attiv, partikolarment fil-qasam tal-ekwità.

c) Ħtiġijiet kapitali fil-futur

Il-FEI jistma li sa tmiem l-2020, il-kapital allokat lilha se jkun tinuża kollu u li l-issuktar u l-espansjoni tal-kontribut tagħha għall-għanijiet ta' politika tal-UE fil-kuntest tal-QFP li jmiss se jkun jeħtieġ żieda ulterjuri tal-kapital tagħha. Huwa jistma li se tkun meħtieġa żieda kapitali ta' EUR 3~3,5 biljun biex iwettaq il-miri ta' madwar EUR 100 biljun f'investiment fl-Ewropa matul il-QFP li jmiss. Dawn l-investimenti jistgħu jimmobilizzaw aktar minn EUR 1 triljun f'investimenti fl-ekonomija reali fuq l-istess perjodu.

4. KONKLUŻJONI

Iż-żieda kapitali tal-2014 wasslet għad-disponibbiltà ta' ammont sinifikanti akbar f'finanzjament disponibbli għall-SMEs u l-kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja. Iż-żieda fil-kapital ħolqot ukoll kapaċità ta' teħid ta' riskju addizzjonali, li tippermetti volum ikbar u veloċità tal-użu tal-investiment ta' ekwità fl-SMEs, filwaqt li l-kapital tal-FEI ġie llevat b'mod sinifikanti. Iż-żieda saħħet ukoll l-attività dwar ir-riskji tal-FEI fl-operazzjonijiet ta' titjib tal-kreditu, b'mod partikolari għall-garanziji u t-titolizzazzjoni u b'hekk immobilizzat il-finanzjament privat u tejbet l-aċċess għal finanzjament għall-SMEs. Il-parteċipazzjoni tal-UE fl-2014 b'żieda kapitali ta' EUR 178 miljun kienet essenzjali għat-tisħiħ tal-FEI u sabiex jitpoġġa f'pożizzjoni li jinkisbu riżultati tanġibbli għall-SMEs tal-Ewropa.

Mhux l-anqas, iż-żieda ppermetti lill-FEI jikseb suċċess notevoli fir-rigward tat-Tieqa għall-SMEs tal-FEIS f'termini ta' volumi addizzjonali ta' investiment lill-SMEs, li kkontribwixxew b'mod sinifikanti biex il-FEIS jaqbeż il-mira inizjali tiegħu ta' mobilizzazzjoni ta' investiment sa nofs 2018 ta' EUR 315-il biljun b' EUR 20 biljun.

Huwa mistenni li l-FEI se tmur aħjar mill-istennijiet inizjali li twassal għaż-żieda kapitali tal-2014. B'hekk sa tmiem Ġunju 2018 il-FEI kienet impenjat aktar minn 30 % aktar f'riżorsi (EUR 44 biljun) milli kien antiċipat fl-2014 (EUR 34 biljun) li gawdew minnhom aktar minn 547 000 SME u benefiċjarji aħħarija, filwaqt li appoġġaw aktar minn 4 miljun impjieg. Sa tmiem l-2020 huwa mistenni li jiġu impenjati EUR 26 biljun oħra, li żiedu l-impenji globali għal EUR 70 biljun fuq 7 snin u llevaw simultanjament bejn EUR 250 u 300 biljun ta' finanzjament fl-ekonomija reali. Dan ifisser li l-istennijiet inizjali fl-2014 (EUR 175 biljun) se jinqabżu b'aktar minn 40 %.

Huwa mistenni li matul il-perjodu kopert mill-QFP 2021-2027 il-FEI se jibqa' jkollu rwol sinifikanti fil-finanzjament tal-intrapriżi, partikolarment f'oqsma kritiċi tal-ekonomija Ewropea (ir-riċerka u l-innovazzjoi, l-SMEs, il-mikrofinanzjament, eċċ.). Il-FEI jistma li mill-2021 se jkun hemm il-ħtieġa li l-bażi kapitali tal-FEI tissaħħaħ b'EUR 3-3,5 biljuni. Madankollu hemm diversi inċertezzi relatati ma' kwalunkwe żidiet fil-kapital. Ir-rekwiżiti kapitali tal-FEI se jkollhom jiġu vvalutat mill-ġdid fid-dawl tal-prodotti finanzjarji li ser jiġu introdotti mill-FEI fl-implimentazzjoni tal-InvestEU u l-operazzjonijiet possibbli ta' taħlit fil-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.